# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

APRIL 2023 – Ħarġa Nru: 209




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## KAPAĊITAJIET ĠEWWIENA …

Ir-rebbiegħa ġġib magħha l-festa tal-Għid. Kien f'dan iż-żmien li l-Lhud qasmu l-Baħar l-Aħmar biex għaddew għall-ħelsien mill-Farawni; kien f'dan iż-żmien li Ġesù għadda mill-mewt għall-ħajja; mid-dlam għad-dawl. Dan insejħulu "pesach" bl-Ebrajk; "pascha" bil-Latin; "passover" bl-Ingliż u "mgħodija" bil-Malti!



**Ma nitfux l-entużjażmu**

Nistgħu ngħidu li r-Randan wasal fi tmiemu. Jiena persważ li ħafna minna l-Kattoliċi, dan iż-żmien tana l-opportunità biex neżaminaw ftit lilna nfusna ħa naraw x'nistgħu ntejbu f'ħajjitna. Ġieli jkollna ħafna entużjażmu biex ninbidlu wara xi kors eżerċizzi, wara xi adorazzjoni… imma mbagħad, nerġgħu għall-attitudnijiet l-imgħoddija tagħna!

Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet jgħinna nifhmu li biex aħna ninbidlu għall-aħjar, irridu mmutu għalina nfusna. Il-ħajja toffrilna ħafna opportunitajiet biex dan nagħmluh.

Ilkoll kemm aħna nixtiequ li jkollna ħajja bla inkwiet, fejn ma nsibux kuntrarju, fejn il-pjanijiet u x-xewqat tagħna jseħħu. Ilkoll kemm aħna nixtiequ li nagħmlu suċċess. Ħadd ma jrid iġarrab il-falliment. Imma nafu li sakemm aħna bnedmin, dan ma jistax ikun.

**Inħaddmuhom**

Il-kapaċità tagħna tkun li meta aħna niġu ffaċċjati bl-iebes tal-ħajja, nħaddmu l-mekkaniżmi interni tagħna biex nibqgħu naqdfu kontra l-kurrent. Għalkemm ġieli l-ġrajjiet li ngħaddu minnhom, jaħbtu jaqtgħulna qalbna, għandna nfitxxu l-kuraġġ li hemm fina u nħaddmuh.

Barra l-kapaċitajiet li kull bniedem hu mgħoni bihom minn twelidu biex jaqdef kontra l-kurrent, il-Kelma t'Alla li aħna nisimgħu kull nhar ta' Ħadd, l-Ewkaristija li nirċevu u, l-komunità li aħna niffurmaw parti minnha, jgħinuna aktar biex ma naqtgħux qalbna.

Ġesù ġab rebħa fuq id-dlam tal-mewt. Hu jrid jgħinna biex immewtu fina t-traċċi ta' egoiżmu u individwaliżmu biex ninfetħu għall-oħrajn. Hu jħeġġġna biex fil-mumenti tal-kriżi nħarsu aktar lejn is-suċċessi l-imgħoddija tagħna, fl-esperjenzi li bnewna, fil-ħbieb li jdawruna, fil-futur li hemm jistenniena...

**Inħallu Spazju**

Importanti li meta nfasslu ħajjitna, inħallu spazju wkoll għall-pjan li l-Mulej għandu għalina. Huma tajbin il-pjanijiet tagħna, imma m'għandniex inkunu ċerti għall-aħħar minnhom. Meta nħarsu lura lejn ħajjitna nindunaw li imn'Alla mhux kollox seħħ kif xtaqna aħna. Il-Mulej kapaċi jurina toroq oħra!

Ejjew f'dan il-Għid li qed niċċelebraw, nagħmlu bħal Ġesù – infittxu dejjem ir-rieda tal-Missier u nwettquha.

L-Għid it-tajjeb lilkom ilkoll!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … APRIL 2023

**Ħadd 2:** **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Fl-10.00am purċissjoni sal-kappella tal-Lunzjata fejn isir it-tberik tal-palm u ż-żebbuġ. Il-purċissjoni tkompli sal-knisja fejn issir Konċelebrazzjoni Solenni bil-qari tal-Passjoni skond San Mattew.
**Tnejn 3:** Fis-6.45pm, fis-santwarju, **l-ewwel spjega** tar-rakkont tal-passjoni skond San Ġwann li jinqara nhar il-Ġimgħa l-Kbira waranofsinhar. **It-tieni spjega** ssir l-Erbgħa 5 ta' April fl-istess ħin.
**Tlieta 4:** Fis-7.00pm Via Crucis mat-toroq bil-vara tal-Kruċifissjoni. Fid-dħul ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali.
**Ħamis 6:** ***Ħamis ix-Xirka.*** Fid-9.30am tberik taż-Żjut Imqaddsa f'San Ġwann, il-Belt. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni Solenni *in Coena Domini* bil-ħasil tar-Riġlejn. Wara, Tranżlazzjoni tas-Ss.mu Sagrament sal-Altar tar-Repożizzjoni. Fit-8.30pm u 9.30pm Viżti. Fl-10.30pm Adorazzjoni li tintemm bil-Kompieta.
**Ġimgħa 7:** ***Il-Ġimgħa l-Kbira***. Jum ta' sawm u astinenza. Fis-6.30am u 7.30am Viżti. Fit-8.30am kant tal-Lawdi u Matutin flimkien mas-saċerdoti. Fl-10.00am Adorazzjoni għat-tfal u fil-11.00am l-aħħar Viżti. Fit-3.00pm Ċelebrazzjoni Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej
**Sibt 8:** ***Sibt il-Għid.*** Fit-8.00pm Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid.
**Ħadd 9:** ***Solennità tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.*** Fl-10.15am Konċelebrazjoni Solenni tal-Għid il-Kbir. F'12.00pm il-Q.T. il-Papa jagħti l-messaġġ tiegħu u l-barka Urbi et Orbi.
**Tnejn 10:** Tib*da l-Ottava tal-Għid il-Kbir*
**Sibt 15:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet
**Ħadd 16:** **It-Tieni Ħadd tal-Għid u Ħadd il-Ħniena Divina.** Fil-5.00pm Adorazzjoni u quddiesa tal-Ħniena Divina.
**Ħadd 23:** **It-Tielet Ħadd tal-Għid.** Filgħodu jsir **Seminar** għall-adolexxenti tal-Griżma u l-ġenituri tagħhom.
**Tlieta 25:** San Mark, evanġelista – Festa
**Sibt 29:** Santa Katerina ta' Siena, verġni, duttur tal-Knisja u patruna tal-Ewropa – Festa
**Ħadd 30:** **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid** – *Jum il-Vokazzjonijiet*

### L-INTENZJONI TAL-PAPA GĦAL APRIL

NITOLBU sabiex tixtered il-kultura tal-paċi u n-non-vjolenza, billi jitnaqqas l-użu tal-armamenti mill-istati u ċ-ċittadini.



### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

***Marzu 2023:***

Teresa Attard (90), Carmelo Brincat (71), Francis Farrugia (89), Gużeppa Fenech (83), Carmelo Attard (86), George Scerri (87), Joan Curmi (85), Frances Roberta (64), George Ellul (81), Mary Grace Balzan (50), Marco Delia (56), Emilia Schembri (85), Ramon Buttigieg (28).
*Agħtihom, O, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem…*